**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis, 25 ta` Frar 2021**

**Kawza Nru. 13**
**Rikors Nru. 70/2020 JZM**

**Nasell Aviation Limited (C-69055)**

***kontra***

**X**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li pprezenta Ryan Azzopardi fil-kwalita` tieghu ta` direttur ta` Nasell Aviation Limited, ghan-nom tal-istess socjeta`, fid-29 ta` Ottubru 2020 u li jaqra hekk :–

*Illi l-kumpannija rikorrenti giet kostitwita u registrata bhala kumpannija ta` responsabbilita` limitata fis-16 ta` Frar 2015 bin-numru ta` registrazzjoni C-69055.*

*Illi l-imsemmija kumpannija twaqqfet minn zewg azzjonisti, cioe l-esponenti Ryan Azzopardi li ghandu sitt mitt (600) sehem fiha bil-valur nominali ta` Euro wiehed (€1.00) kull sehem, u s-sitt mitt (600) sehem l-iehor tal-valur nominali ta` Euro wiehed (€1.00) kull sehem jappartjenu lis-socjeta` estera The AI Ark Limited (bin-numru ta` registrazzjoni ta` Hong Kong 1489886).*

*Illi s-socjeta` rikorrenti Nasell Aviation Limited qatt ma nnegozjat, u ghalhekk kellha n-negozju taghha sospiz ghal perjodu bla waqfien ta` aktar minn erbgha u ghoxrin xahar a tenur tal-artikolu 214 (2)(a)(i) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Illi l-persuna fizika li ghandha jew kellha l-kontroll tas-socjeta` azzjonista The AI Ark Limited hija certa Eva Aydelman bil-passaport Israelit numru 11493480 liema persuna jidher li hija llum mahruba minn dawn il-Gzejjer. Konsegwentement, l-azzjonista The AI Ark Limited mhijiex rapprezentata f`Malta.*

*Illi barra minn hekk ghal dawn l-ahhar snin, minkejja li l-kumpannija rikorrenti qatt ma operat, id-direttur u azzjonist Ryan Azzopardi wahdu ha hsieb jissottometti l-accounts u l-annual return mal-Malta Business Registry.*

*Illi in vista tal-inattivita` assoluta tal-kumpannija rikorrenti, jezistu wkoll ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u l-konsegwenti stralc tal-istess kumpannija.*

*Illi ghalhekk jezistu l-estremi sabiex din il-Qorti, a tenur tal-artikolu 218 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna l-istralc tal-kumpannija rikorrenti skont il-ligi.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragtnijiet premessi u, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*i. tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti kellha n-negozju taghha sospiz ghal perjodu bla waqfien ta` aktar minn erbgha u ghoxrin xahar a tenur tal-artikolu 214(2)(a)(i) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta u/jew li in vista tal-inattivita` assoluta tal-kumpannija rikorrenti,*

*jezistu ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustiflkaw ix-xoljiment u l-konsegwenti stralc tal-istess kumpannija a tenur tal-artikolu 214(2)(b)(iii).*

*ii. konsegwentement, tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralc tal-imsemmija kumpannija rikorrenti skont l-artikolu 218 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*iii. taghti kull provvediment jew ordni iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun, fosthom li tordna li jigi appuntat amministratur provvizorju jew ir-ricevitur ufficjali sabiex jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-istess socjeta` sad-decizjoni finali.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-udjenza tal-4 ta` Frar 2021.

Rat illi l-kawza thalliet ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra.

## II. <u>L-Avviz Legali 373 tal-2020</u>

**<u>Fil-15 ta` Settembru 2020</u>** kien ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, u dahal fis-sehh, l-Avviz Legali 373 tal-2020.

Ir-regolamenti japplikaw ghal kawzi istitwiti fis-**<u>16 ta` Marzu 2020 jew wara</u>** minn ***<u>any debenture holder, creditor or creditors</u>*** dwar drittijiet li jirrizultaw fl-Art 214 u fl-218 tal-Kap 386.

Ighoddu wkoll ghal kawzi istitwiti fis-**<u>16 ta` Marzu 2020 jew wara</u>** ghall-applikazzjoni tal-Art 316 tal-Kap 386.

**Ghalkemm jirrizulta li l-kawza odjerna tittratta dwar l-applikazzjoni tal-Art 214 u l-Art 218 tal-Kap 386, u kienet istitwita fid-29 ta` Ottubru 2020, ir-regolamenti mhumiex applikabbli ghall-kaz tal-lum peress illi l-kawza ma kenitx**

**prezentata minn *__debenture holder, creditor or creditors__* (ara Reg 3) izda minn azzjonista u direttur tal-kumpannija de qua.**

## III. *__Locus standi__*

Qabel tghaddi biex tqis il-mertu tal-istanza odjerna, il-qorti tghid illi persuna li tkun trid titlob ix-xoljiment u l-istralc ta` kumpannija, trid toqghod ghal dak li jipprovdi l-**__Art 218(1) tal-Kap 386__** li jaqra hekk –

*Talba lill-qorti (aktar `il quddiem imsejha "rikors ghal stralc") ghal -*

*(a) stralc ta` kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a) ;*

*(b) xoljiment u stralc ta` kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a) ; jew*

*(c) xoljiment u stralc ta` kumpannija skont l-artikolu 214(2)(b),*

*ghandha ssir b`rikors li jista` jsir jew mill-kumpannija wara decizjoni tal-laqgha generali jew mill-bord tad-diretturi taghha jew minn xi detentur ta` obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji :*

*Izda rikors skont il-paragrafi (b) jew (c) jista` wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpannija.*

Jirrizulta li Ryan Azzopardi huwa azzjonista u direttur tal-kumpannija in kwistjoni.

**It-talba ghax-xoljiment u stralc tal-kumpannija de qua qeghda ssir abbazi tal-__Art 214(2)(a)(i) u tal-Art 214(2)(b)(iii)__ tal-Kap 386. Ghalherkk ir-rikorrent ghandu *locus standi* sabiex jippromwovi l-istanza tal-lum.**

## IV. __Dritt__

### 1. __L-Art 214(2)(a)(i) tal-Kap 386__

Skont din id-disposizzjoni, kumpannija **tista`** xxolji u tkun stralcjata mill-qorti ... jekk in-negozju tal-kumpannija jkun sospiz ghal perjodu bla waqfien ta` erbgha u ghoxrin xahar.

Ir-rekwizit tad-disposizzjoni huwa s-**sospensjoni tan-negozju** tal-kumpannija ghal perijodu **bla waqfien** ta` erbgha u ghoxrin **(24) xahar**. Ir-rekwizit huwa materja ta` fatt. Jidher illi d-disposizzjoni kellha l-origini taghha fl-**Art 12(1)(d) tal-UK Insolvency Act 1986**, liema disposizzjoni Ingliza m`ghadhiex taghmel parti mill-Act, ghax kienet superata b`legislazzjoni aktar ricenti.

## 2. L-Art 2(b)(iii) tal-Kap 386

Skont din id-disposizzjoni, kumpannija **ghandha** tkun xjolta jekk il-qorti tkun tal-fehma li hemm **ragunijiet gravi bizzejjed.**

Il-ligi thalli lill-qorti **diskrezzjoni wiesa`** sabiex tistabilixxi hi jekk fil-fehma taghha jirrizultawx fatti u cirkostanzi "**gravi bizzejjed**".

Jekk tistabilixxi l-gravita`, allura minn hemm `il quddiem, il-qorti ma jkollhiex aktar diskrezzjoni u **tkun obbligata** taghmel id-dikjarazzjoni ta` xoljiment u konsegwenti stralc tal-kumpannija.

Il-ligi ma taghti l-ebda tifsira ta` x` inhuma **"ragunijiet gravi bizzejjed".**

Ghalhekk il-qorti m`ghandha tiskarta xejn. M`ghandhiex toqghod fuq grajjiet li jkun sehhew sad-data tal-presentata tar-rikors promotur tal-azzjoni, izda ghandha taghti piz ukoll ghal kull ma jigri anke wara sa meta tigi biex taghti d-decizjoni taghha.

F`**Sec 122 tal-Insolvency Act 1986 tal-Ingilterra**, tirrizulta lista ta` cirkostanzi li jwasslu ghax-xoljiment u ghall-istralc ta` kumpannija.

**Tajjeb jinghad illi fl-Insolvency Act 1986 ma hemmx disposizzjoni bhall-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386.**

Il-wahda li tqarreb l-aktar lejha hija **<u>Sec. 122(1)(g)</u>** li tghid illi : *the court is of the opinion that it is **<u>just and equitable</u>** that the company should be wound up.*

Huwa evidenti anke mad-daqqa t`ghajn li d-disposizzjoni fil-ligi taghna hija **<u>aktar stretta</u>** fis-sens illi fil-kaz taghna l-qorti ghandha xxolji u tistralcja meta fil-fehma taghha ikunu jirrizultaw ragunijiet gravi bizzejjed, mentri fil-ligi Ingliza, il-kriterju li fuqu l-qorti trid tibni l-fehma taghha huwa dak tal-gustizzja u l-ekwita`. L-istrettezza tad-disposizzjoni fil-ligi taghna taghmel hafna sens anke ghaliex jekk il-qorti tesprimi l-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed, allura minn hemm tkun obbligata tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija.

Il-qorti tghid li r-riferenza ghal Sec 122(1)(g) tal-Insolvency Act 1986 hija utili ghaliex il-linja li hadu l-qrati Inglizi biex ighidu x`ghandhom ifissru *just and equitable* ghall-fini ta` *winding up* ta` kumpannija jghin sabiex jiftah tieqa ghall-qrati taghna fl-interpretazzjoni taghhom x`jistghu jkunu ragunijiet gravi bizzejjed.

Ghax kull kaz ghandu l-istorja tieghu, il-qorti trid tibni l-fehma taghha fuq il-fatti u cirkostanzi ta` kull kaz.

## V. <u>Provi</u>

Nasell Aviation Limited kienet registrata fir-Registru tal-Kumpanniji Malti fis-16 ta` Frar 2015 bin-nru C69055 (Dok RA1 u RA2). Skont l-M&A, il-kumpannija kienet kostitwita principalment *to render consultancy services, technical services, assistance and management services in aviation and/or in any industry or field.* Ghandha zewg azzjonisti : ir-rikorrent Ryan Azzopardi (li huwa wkoll l-uniku direttur) b`600 Ordinary Shares b`valur nominali ta` €1 kull sehem li minnhom 20% huma *paid up* ; u l-kumpannija estera The AI Ark Limited registrata Hong Kong wkoll b`600 Ordinary Shares b`valur nominali ta` €1 kull sehem li minnhom 20% huma paid up. Ghal The AI Ark Limited kienet tidher certa Eva Aydelman, cittadina ta` Israel.

Din tat struzzjonijiet lil *service provider* Malti biex jiffirma l-M&A ghan-nom tal-kumpannija azzjonista. Fil-fatt iffirma Karl Schranz.

Fl-affidavit tieghu, ir-rikorrent jixhed li matul l-2015 il-kumpannija baqghet inattiva ghal kollox. Imbaghad f`Dicembru 2015, sar jaf mill-gazzetti li Eva Aydelman kienet giet arrestata Malta b`akkuzi ta` frodi. Fil-fatt huwa xehed fil-Qorti tal-Magistrati quddiem il-Magistrat Dr Aaron Bugeja fl-20 ta` Jannar 2016. Ighid li baqa` skonvolt meta sar jaf li Aydelman kienet involuta f`aktar frodi madwar id-dinja. Ighid li pprova jakkwista l-ishma ta` The AI Ark Limited izda meta t-trasferiment tal-ishma kien wasal biex ikun finalizzat, Aydelman harbet minn Malta. Ir-rikorrent jishaq li Nasell Aviation Limited qatt ma ghamlet negozju, qatt ma dahhlet flus u lanqas kellha kont il-bank. L-ispejjez inkorrieha kollha hu. Propju ghalhekk ta bidu ghall-procedura odjerna. Il-kumpannija m`ghandhiex assi jew djun. Hemm bzonn tinghalaq mill-qorti ghaliex qed jinkorri spejjez ghal xejn meta l-kumpannija m`ghandhiex attivita` ekonomika ta` xejn. Kienu prezentati bhala prova l-*financial statements* tal-kumpannija. Mill-kontenut taghhom il-qorti ssib konferma tad-deposizzjoni ta` Ryan Azzopardi fejn sostna li l-kumpannija qatt ma ghamlet negozju minn meta kienet kostitwita, m`ghandhiex assi u lanqas kontijiet bankarji. Dak mistqarr minn Ryan Azzopardi isib konferma fid-deposizzjoni tal-accountant Charles Cassar (fol 125).

## VI. Risultanzi

### 1) L-Art 214(2)(a)(i)

Mill-kumpless tal-provi, jirrizulta li matul l-esistenza kollha taghha l-kumpannija baqghet qatt ma ghamlet negozju. Hekk kienet ukoll is-sitwazzjoni fid-data tal-prezentata tal-azzjoni odjerna. U hekk ghadha s-sitwazzjoni llum.

**Ma hemmx l-icken dubju li jirrizultaw ippruvati r-rekwiziti tal-Art 214(2)(a)(i) tal-Kap 386.**

Il-qorti ghamlet ezami akkurat kemm tad-dokumenti esebiti u kif ukoll ta` dak mistqarr minn Ryan Azzopardi u minn Charles Attard. Tinsab rinfaccjata b`kumpannija li m`ghandhiex assi, li qatt ma ghamlet negozju, u fejn minhabba l-inattivita` taghha sfaxxja ghal

kollox l-ghan ewlieni li ghalih kienet kostitwita. Kif diga` kellha okkazjoni tghid fi provvedimenti precedenti taghha, din il-Qorti terga` ssostni li kumpannija li ma taghmilx negozju hija entita` bla ruh. Kumpannija li ma tiggenerax attivita` ekonomika ma jistax ikollha dhul.

**Per konsegwenza, il-qorti sejra tezercita d-diskrezzjoni taghha u sejra tordna x-xoljiment u l-istralc tal-intimata abbazi tal-Art 214(2)(a)(i).**

**2) L-<u>Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386</u>**

Fil-kuntest ta` din id-disposizzjoni, il-qorti ssib gustifikazzjoni ta` xoljiment abbazi tal-fatt li l-kumpannija falliet ghal kollox fl-iskop ewlieni ghala kienet ikkostitwita. Dan huwa fatt gravi bizzejjed li jwassal ghax-xoljiment. Ighid hekk **<u>Andrew Muscat</u>** dwar *disappearance of the substratum* fil-pag 1395 ta` "**<u>Principles of Maltese Company Law</u>**" (MUP – Second Edition – Volume Three - 2019) :-

*"A company`s substratum is the purpose or group of purposes which it is formed to achieve – in other words, its main objects. If the company has abandoned all its main objects (and not merely some of them) or if in practice it cannot achieve any of them, then its substratum has disappeared …"*

Meta kumpannija ma taghmilx negozju tkun entita` bla ruh ghaliex ma tkunx qeghda taqdi l-ghanijiet taghha. Milli accertat, il-kumpannija waslet *at a point of no return.*

**Tenut kont tal-assjem ta` fatti u cirkostanzi, il-qorti hija tal-fehma illi hemm ragunijiet gravi bizzejjed skont l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 sabiex tordna mhux biss ix-xolijiment izda wkoll l-istralc tal-kumpannija.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent billi :**

**Tiddikjara li fir-rigward tal-kumpannija Nasell Aviation Limited (C69055) jirrizultaw ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi r-rekwiziti tal-Art 214(2)(a)(i) u tal-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija Nasell Aviation Limited (C69055) b`effett mil-lum.**

**Tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija Nasell Aviation Limited (C69055) bis-setghat u bid-dmirijiet kollha li huma stabbiliti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Tordna lill-istralcjarju sabiex jipprezenta rapport tal-hidma tieghu sa zmien xaghrejn mil-lum.**

**Tordna lill-kumpannija Nasell Aviation Limited (C69055) sabiex thallas l-ispejjez tal-provvediment tal-lum.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 236(2) tal-Kap 386, tordna lir-rikorrent bhala azzjonista tal-kumpannija Nasell Aviation Limited (C69055), lill-kumpannija The AI Ark Limited (Nru ta` Registrazzjoni ta` Hong Kong 1489886) bhala azzjonista tal-kumpannija Nasell Aviation Limited (C69055) u lill-kumpannija Nasell Aviation Limited (C69055) sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha tal-istralc, inkluzi d-drittijiet u l-ispejjez tal-istralcjarju.**

**Thalli l-istralc ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 10 ta` Mejju 2021, fl-10.30 a.m.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**